

Suġġett

Talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/214/KE, tat-2 ta' Mejju 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ġertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) hija annullata, sa fejn timponi korrezzjoni finanzjarja ta' 5 % fir-rigward tal-miżuri agroalimetari marbuta mal-kriterju relatav mal-użu ta' fertillizzanti.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2013/214/UE, tat-2 ta' Mejju 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ġertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) hija annullata, sa fejn timponi korrezzjoni finanzjarja ta' 5 % fir-rigward tal-miżuri agroalimetari marbuta mal-kriterju relatav mal-użu ta' fertillizzanti.*
- 2) Ir-rikors huwa miċħud għall-bqja.
- 3) Ir-Repubblika tal-Litwanja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 284, 28.9.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 26 ta' Frar 2015 – Costa Crociere vs UASI – Guerlain (SAMSARA)

(Kawża T-388/13) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SAMSARA — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti SAMSARA — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2015/C 118/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Costa Crociere SpA (Gênes, l-Italja) (rappreżentanti: A. Vanzetti, S. Bergia u G. Sironi, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Guerlain SA (Levallois-Perret, Franza) (rappreżentanti: C. Costa u M. Baccarelli, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Mejju 2013 (Każ R 2049/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Guerlain SA u Costa Crociere SpA.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Costa Crociere SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 298, 12.10.2013.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-26 ta' Frar 2015 – 9Flats vs UASI – Tibesoca (9flats.com)

(Kawża T-713/13) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali 9flats.com — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti 50flats — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2015/C 118/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: 9Flats GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Stoffregen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment A. Pohlmann, sussegwentement S. Hanne, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Tibesoca, SL (Valencia, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Ottubru 2013 (Każ R 1671/2012-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Tibesoca, SL u 9Flats GmbH.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) 9Flats GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 61, 01.03.2014.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tal-25 ta' Frar 2015 – Walton vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-261/14 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Ċaħda tar-rikors fl-ewwel istanza bħala manifestament inammisibbli — Riżenja mill-impieg ta’ membru tal-persunal temporanju — Ammont tal-kreditu miżimum mill-Kummissjoni fil-konfront tar-rikorrent wara r-riżenja tiegħu — Awtorità ta’ res judicata — Deċiżjonijiet li saru definitivi fl-assenza ta’ rikors kontenzjuż”)

(2015/C 118/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Robert Walton (Oxford, ir-Renju Unit) (rappreżentant: F. Moyse, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u A.-C. Simon, aġġenti)